MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2003

Numru. 101/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**SAVIOUR GRIMA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat SAVIOUR GRIMA bin Emanuel u Maria nee Muscat, li joqghod 46, Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 499572M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Marzu 2003 bejn l-ghaxra neqsin kwart u l-ghaxra w kwart ta' filghodu minn fuq il-bahar bejn Ghawdex u Malta u/jew fl-Imgarr ix-Xini limiti ta' Sannat, Ghawdex;

(a) Matul l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar kemm minn fuq il-bahar kif wkoll minn fuq l-art,

ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasafar fosthom kwantita ta' *Garganeys*;

(b) Talli f'distanza sa tlett kilometri jew inqas mill-kosta, minn fuq *speed boat* numru S-9002 ikkaccja jew ipprova jikkaccja;

(c) Talli garr fuq il-bahar filwaqt li kien inqas minn tlett kilometri mill-kosta kif wkoll f'Imgarr ix-Xini, Sannat, Ghawdex, munizzjoni u senter tal-marka Sarsilmaz numru DK 2920, ikkargat u/jew bl-iskratacc fil-magazine u/jew barra mill-ghata tieghu;

(d) Talli kellu fil-pussess tieghu senter licenzjat biex jintuza ghal kacca b'magazine li jista jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin;

(e) Talli kkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasafar b'mezzi elettronici u cioe bl-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrat [*pre-recorded bird calls*];

(f) Talli fl-istess data, hin u postijiet, kellu fil-pussess tieghu, spara jew uza skratacc ikkargati b'comb ta' daqs aktar minn 3.2 mm f'dijametru;

(g) Talli bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm jew igorr munizzjon u senter numru DK 2920 ghal skopjiet ta' kacca, naqas li jzomm l-istess senter u munizzjoni fil-kustodja tieghu b'tali mod li setghu jigu f'idejn haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 25(2)(a) u 25(3)(a) tal-Avviz Legali 41/2003.

Rat l-artikoli tal-ligi Avviz Legali 41/2003, artikolu 2(a)(i)(c), artikolu 9(g)(ii)(aa), artikolu 9(1)(a)(f) (iii), artikolu 9(1)(g)(v), artikolu 9(2)(b), artikolu 13(1)(b), artikolu 19, artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u cioe lil PS 1346 jixhed u jispjiega li l-imputat qallu li dakinhar tal-ghaxra ta' Marzu 2003 gie minn Malta bil-vapur u nizel Imgarr ix-Xini. Hemmhekk sab lil siehbu Carmel Spiteri jistennih. Huwa qal li garru ilkoll flimkien hames snieter go *pouch* blu kif wkoll l-iskratacc. Wara ftit, marru igibu l-*ispeed boat* minn garaxx f'Kercem u regghu nizlu Imgarr ix-Xini. Huwa qal li ma harfgux maghhom ghal kacca u li d-dghajsa ma varawhiex. Huwa fl-ebda hin ma kien ra xi tajr jew spara ghal xi tajr. Huwa garr s-senter fuq l-art. Is-

senter tal-ghamla Sarsilmaz numru DK 2920 huwa proprjeta tal-imputat u l-imputat ammetta dan quddiemu u mas-senter kien hemm hames skratacc u fil-magazine ma kien hemm.

Semghet lil Ispettur Antonello Grech jghid li s-senter tal-ghamla Sarsilmaz numru DK 2920 huwa registrat f'isem certu Ian Mifsud mill-Mosta. L-imputat huwa licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm u jgorr hames *shotguns* ilkoll tal-ghamla Luigi Franchi.

Semghet lil PC 1506 u PS 187 li spjiegaw dak li gara waqt is-*search* w ikkonfermaw li dak li qal l-imputat qalu minn jeddu u b'mod voluntarju u spontanju.

Il-Qorti kienet innominat b'digriet tat-tmienja ta' Mejju 2003 lil Brigadier Maurice Calleja sabiex jezamina l-iskratacc esibiti mas-senter u nhar d-dsatax ta' Gunju 2003, l-istess Brigadier Maurice Calleja ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-iskratacc kienu tal-kalibru 12 gauge u d-daqs tac-comb kienu ta' 3.6 mm u cioe ta' daqs illegali u ghalhekk kontra l-ligi.

L-imputat ghazel li jixhed minn jeddu f'dawn il-proceduri u ghalhekk fl-ebda stadju ma cahad dak li qal PS 1346 dwar.

Illi d-Difiza sostniet li l-Qorti ghandha tiskarta dak li qal PS 1346 peress li dak li qal l-imputat lil PS 1346 ma jikkostitwix prova peress li PS 1346 ma tah l-ebda *caution* qabel.

Illi kif din l-Qorti kif preseduta diga kellha okkazzjoni tesprimi ruhha f'sentenzi ohra moghtija llum fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmelo Magro u Il-Pulizija v Michael Cutajar, sostniet li t-twissija ma hiex rikjesta bhala sine qua non izda hija desiderabbli sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova il-voluntarjeta o meno tal-konfessjoni.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li hemm l-ebda indikazzjoni li l-konfessjoni maghmula mill-imputat ma hiex voluntarja.

Semghet wkoll l-Qorti l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward r-raba akkuza.

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ssib lil imputat SAVIOUR GRIMA hati tar- raba (4), s-sitt (6) u s-sebgha (7) akkuza u tikkundannah komplessivament ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin [LM 100] u tiddikjara li ma ssibux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) u l-hames (5) akkuza u tilliberah minnhom.

In vista tal-fatt li l-arma esibita f'dawn l-atti mhux tal-imputat izda ta' Ian Mifsud, il-Qorti mhux ser tordna li din tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------